**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru 888/2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Kishinchand Mohnani**

**Illum, 30 ta’ Ottubru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

> “**Kishinchand Mohnani**, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 2016317P:
>
> Billi inti akkuzat:
>
> Talli bejn l-1 ta’ Jannar 1999 u t-31 ta’ Jannar 2003 f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi

u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprijajt, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm3,839.01 migbura minnek bhala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu. Dan bi ksur tal-artikli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli bejn l-1 ta' Frar 1999 u l-31 ta' Jannar 2003 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, int bhala Direttur tal-kumpanija N & M Trading Limited, approprjajt, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm 5,040.23 migbura minnek bhala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur tal-artikli 18, 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Marzu 2005 a folio 84 tal-process, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja taht l-Artiklu 370 (3) (d) la darba l-imputat ma jkollux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2005, inqara l-istess rinviju u l-imputat wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi fis-seduta tal-05 ta' Frar 2020, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li se tirrimetti ruhha ghall-atti.

Rat illi minkejja t-terminu koncess l-imputat ma prezenta l-ebda nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Il-Provi**

Fit-30 ta' Marzu 2004 xehed **Paul Scicluna** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, fejn spjega li l-imputat ghan-nom tal-kumpanija N&M Trading Ltd ghandu Lm5,040.23c pendenti mad-Dipartiment, minn liema ammont l-imputat hallas l-ammont ta' Lm3,000. Kompla li l-imputat f'ismu personali kellu ammont pendenti mad-Dipartiment tat-taxxa ta' Lm3,839.01c li minnhom thallsu Lm1,200.

Fis-26 ta’ Frar 2009, ix-xhud kkonferma li l-hlas gie saldat mis-Sur Khisinchand Mohnani fil-konfront tal-akkuza u fit-18 ta’ Mejju 2016 l-istess xhud u cioe’ Paul Scicluna informa lill-Qorti li l-ammont gie imhallas kollu. In kontro-ezami x-xhud gie mistoqsi jekk kienx jaf bil-krizi finanzjarja ta’ l-imputat ghal liema mistoqsija x-xhud spjega li l-imputat kien jilmenta hafna minn dan. In oltre fit-18 ta’ Jannar 2017, ix-xhud kkonferma li l-kontijiet huma kollha saldati.

L-Ispettur **Edel Mary Camilleri** xehdet fit-30 ta’ Marzu 2004 u pprezentat l-istqarrija ta’ Mohnani, fejn tghid illi hu ammetta li kellu l-ammont pendenti ta’ Lm5,040.23c ghan-nom tal-kumpanija N&M Trading Ltd, u ghall-ammont ta’ Lm3,839.01 minnu personalment. Spjegat li l-imputat infurmahom li kien lest li jeffettwa l-pagamenti mehtiega lid-dipartiment. Ix-xhud kompliet tixhed fil-25 ta’ Mejju 2004, fejn esebixxiet *photocopy* tal-passaport ta’ l-imputat filwaqt li fid-9 ta’ Settembru 2004 hija pprezentat l-memorandum and articles of association ta’ N & M Trading Ltd. Fit-18 ta’ Jannar 2017 ix-xhud spjegat li hi tiftakar li ffirmat ic-charge fit-30 ta’ Ottubru 2003.

L-istqarrija ta’ Kishinchand Mohnani giet prezentata a folio 29 tal-process fejn fiha spjega li ghandu kumpanija registrata bl-isem N & M Trading Ltd u li fadallu l-ammont ta’ Lm5,040.23c pendenti f’VAT mill-perjodu bejn l-1 ta’ Frar 1999 u l-31 ta’ Jannar 2003. Spjega li ma kienx hallas il-VAT dovuta ghaliex kien “short of business” u “short of sales” u li ghandu hsieb li jhallas l-

ammont pendenti ta' Lm5,040.23c fi zmien bejn 3 u 6 xhur. B'referenza ghall-ammont pendenti f'ismu personali, hu jikkonferma li fadallu jhallas l-ammont ta' Lm3,839.01c lid-dipartiment tal-VAT.

L-imputat **Kishinchand Mohnani** xehed fis-6 ta' Ottubru 2005, fejn spjega li hu jmexxi hwienet tas-*souvenirs* u kellu problema biex ihallas lill-mara l-ammont 'il fuq minn Lm250,000 minhabba s-separazzjoni. Kompla jghid li minhabba l-kuntratt ta' separazzjoni ma kienx qed jinvesti hafna cash flow ghaliex il-flus beda juzahom biex ihallas il-pagamenti u li kagun ta' hekk tilef anke l-hanut li kellu Strada Rjali fis-Savoy Complex ghaliex ma kienx qed ihallas il-kera ghal numru ta' snin u anke problemi bil-hanut li kellu bl-isem Arts and Crafts, f'Bugibba. Spjega li minhabba diffikulta' finanzjarja huwa kien jibghat ir-returns izda ma kienx jibghat pagamenti ghaliex ma kellux flus u li qieghed ihallas id-debiti ftit ftit. Huwa tenna li lill-mara irid jaghtiha sebat elef a basi tal-kuntratt tas-separazzjoni kull sena.

L-imputat kompla jixhed fit-8 ta' Marzu 2007 li lill-mara kellu jhallasha l-ammont ta' madwar Lm275,000, fuq medda ta' ghaxar snin u dan skont il-kuntratt ta' separazzjoni. Jghid illi in konsegwenza tas-separazzjoni, il-business kollu tieghu krolla, ghaliex kellu jhallas l-ammont kif stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni. Tenna li tilef zewg hwienet u kellu erba' snin li l-business ma kienx tajjeb peress li ma kienx hawn daqshekk turisti peress li l-business tieghu relatat mat-turizmu. Minhabba

l-problemi finanzjarji huwa waqa' lura fil-kirjiet tal-hwienet tas-Savoy u ta' Bugibba.

Spjega li qabel ma ssepara kellu 9 hwienet u illum il-gurnata fadallu tlieta u ghandu wkoll wiehed maghluq ghaliex ghadu ma zviluppahx izda hallieh maghluq. Fir-rigward tal-hanut proprjeta' tal-familja Muscat, hu ghandu l-kera lura u jghid li qieghed fil-kawza ghaliex sa jinbidlu is-sidien u fil-kawza quddiem L-Imhallef Giannino Caruana Demajo, huwa gie ordnat biex jizgombra mill-post b'dana li fadallu hanut wiehed biss. Tenna li d-dejn li kellu mal-mara gie qabel id-dejn li kellu mad-Dipartiment tal-VAT u li lil dawn ta' l-ahhar huwa kien jipprova jhallashom kemm jista' jkun, malli kien jasallu l-kont. Meta mistoqsi jekk hux up-to date mad-dipartimenti tal-VAT, hu jghid li avvanza hafna. Jixhed li fadallu jaghti madwar Lm12,000.

Fit-8 ta' Mejju 2008 l-imputat rega' xehed fejn spjega li kien hemm perjodu fejn kellu jissellef il-flus, u kien ipoteka d-dar tieghu u bieghha lil Francis Gauci u kien tah Lm100,000. Jghid illi hu dan l-ammont kellu jtieh lura lil Francis Gauci bl-imghaxijiet ta' 15% u li ghaddejja l-kawza Qorti ghaliex irid id-dar tieghu lura, u qed jipprova jaghmel arrangamenti biex ma tibqax tithallas l-uzura. Jghid li b'referenza ghall-kawza pendenti bl-ismijiet *Julius Sciberras vs Kishinand Mohnani*, jghid li l-storja bdiet ghal-habta tan-1990 fejn kien issellef xi flus u kien ihallas il-flus lura b'imghaxx ta' 13% u cioe' uzura. Kompla li l-ammont ta' Lm270,000 kien tah lill-mara fi zmien sentejn u li d-

Dipartiment tal-VAT kien ghamillu sekwestru fuq il-flus li kellu fil-bank, u li hemm ammont li l-VAT Department ghadu ma hadhomx.

Spjega li l-hanut f'Regency House, fis-Savoy tilfu ghax ma kienx hallas il-kera u dan kien gara madwar hames jew sitt snin ilu. Mistoqsi jekk kienx tilef aktar hwienet mic-chain li kellu, huwa wiegeb li kien tilef hanut f'Bugibba ghaliex ma setax ilahhaq mal-pagamenti u kien nehha ukoll il-hanut Gemstone fil-Belt tmien snin ilu, filwaqt li kkonferma li "F'dan il-perjodu kien kollox infatti meta bdejt nara d-dati kien kollox f'dak il-perjodu, bejn in-1991, meta bdejt inhallas lil Carmen, imbaghad taf int. U wara peress li gejt short of cash flow kollox beda jipparalizza, bdejt innehhi hux, il-hwienet. U bdejt nitlef ghaliex bdejn inhallas high interest rate". L-imputat spjega li kien spicca jrid ihallas is-self u l-imghaxijiet ghaliex kien jittama li kien ser ikun hemm zminijiet ahjar u ghalhekk kien ser jaqla' izjed u jkun jista' jhallas lil kulhadd filwaqt li nsista li kien ta' prijorita' li jhallas is-self bl-uzura aktar milli jhallas it-tax return ghaliex inkella "kien ikolli l-inkwiet man-nies ta' barra".

Fit-3 ta' April 2019 l-imputat rega' xehed li kellu tmien hwienet, sebgha minhom il-Belt u wiehed Bugibba, u kellu basement kbir ta' 550sqm, f'Regency House. Jghid ukoll li kellu zewg djar wahda f'Gwardamangia u ohra f'Birkirkara. Kompla jispjega li fis-separazzjoni huwa ghadda wahda mid-djar lil Carmen u cioe' l-mara tieghu tal-valur ta' €300,000 u hallasha wkoll €210,000 fi flus

kontanti, u €10,000 u €25,000 ta' l-ghamara. Spjega li biex issalda l-hlas kellu jhallas €17,500 fis-sena. Kompla jispjega li wara s-separazzjoni l-Banek daru ghalih u ma ridux jaghtuh kollateral izjed u eventwalment beda jnehhi l-hwienet.

Huwa zied jghid li meta ma setax ihallas il-VAT dovuta, kien ghamel talba lil president biex tahfirlu l-ammont izda imbaghad kien irnexxielu jhallashom fil-waqt li kompla jghid li hu qatt ma kellu intenzjoni li ma jhallasx VAT.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi, Principji u Gurisprudenza Applikabbli**

L-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

*'293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ,*

*amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan'**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2013 (Numru: 77/2019), gie kkunsidrat li:

'In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided: *"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment taddominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation* ***(The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998)****:*

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti semghet lir-rapprezentant tal-VAT Department jikkonferma li ma ghadx baqa pendenzi mal-imputat u li ebda ammont ma kien dovut.

Illi l-Qorti fliet il-provi kollha inkluz ix-xhieda ta' l-imputat li spjega li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li japproprja ruhhu minn fondi dovuti lill-Gvern ta' Malta tant li d-dokumentazzjoni huwa dejjem issottomettihom lid-dipartiment. Bid-dovut rispett, din il-Qorti ma taqbilx mad-Difiza stante li l-imputat kellu terminu ghall-hlas u huwa ghazel li ma jhallasx lid-Dipartiment sabiex ikun jista' jhallas lil terzi.

Illi ma hemmx dubbju li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi u dana b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra dak li qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina** hawn fuq citata, cioé:

*"Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja ta' kull direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija".*

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tal-akkuza li qed tinstab htija dwarha, ic-cirkostanzi tal-kaz senjatament tal-fatt li dawn il-proceduri jirrisalu ghal fatti li sehhew aktar minn sbatax-il sena ilu bl-akkuza tmur lura ghas-snin bejn 1999 u 2003 u l-fatt li l-imputat issalda l-hlas. Certament piena

karcerarja f'dawn ic-cirkostanzi ma tkunx wahda idoneja u dan meta din il-Qorti hija konxja tad-diffikultajiet finanzjarji li kien ghaddej minnhom l-imputat u ta' l-isforzi li ghamel l-imputat sabiex ihallas l-ammonti dovuti.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-obbligi tieghu skont din is-sentenza u jwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur